**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

---

**IL-SEBA' LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 1 – IT-TNEJN, 8 TA' APRIL 2013 FIL-5:30PM**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti | Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| | Marica Bayliss | Viċi Sindku |
| | Rita Saliba | Kunsillier |
| | Malcolm Abdilla | Kunsillier |
| | Dominic Cassar | Kunsillier |
| | Joan Farrugia | Kunsillier |
| | Trevor Fenech | Kunsillier |
| | Mikhail Micallef | Kunsillier |
| | Neville Mallia | Kunsillier |
| | Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

**1 Talba**

1.1 Skont l-artiklu 25 tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali, is-Sur Neville Mallia, bħala l-aktar Kunsillier anzjan, ippresieda l-laqgħa billi ntqalet it-talba.

**2 Ħatra tal-Kariga tas-Sindku**

2.1 Iċ-*Chairperson* Neville Mallia beda billi ferah lill-sħabu l-Kunsilliera li ġew eletti u awgura ħidma l-bogħod mill-partiġġjaniżmu. Huwa spjega li s-Sindku jkun dak il-Kunsillier li ġab l-ogħla għadd ta' voti mal-ewwel *count* minn fost il-kandidati tal-Partit politiku li fl-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali li saru fid-9 ta' Marzu 2013, kiseb il-maġġoranza assoluta tal-Kunsillieri fil-Kunsill Lokali ta' San Ġwann.

2.2 Iċ-*Chairperson* staqsa lis-Sur Etienne Bonello Du Puis bhala l-Kunsillier li ġab l-ogħla għadd ta' voti, kif imsemmi fil-minuta 2.1 jekk jaċċettax il-kariga ta' Sindku ta' San Ġwann.

2.3 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis iddikjara li huwa qed jaċċetta din il-kariga ta' Sindku, u wara li ffirma d-dokument tal-aċċettazzjoni, is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-insigna lis-Sindku.

2.4 Is-Sindku kompla bit-tmexxija tas-seduta tal-Kunsill. Hu rringrazzja lill-Kunsilliera eletti li offrew lilhom infushom għal dawn l-erba' snin ta' ħidma u rringrazzja lil dawk il-kandidati li kkontestaw u ma ġewx eletti. Kompla billi qal

li hemm taħlita tajjeb ta' Kunsillieri li reġgħu ġew eletti u għandhom esperjenza u oħrajn li telgħu ġodda u għandhom ħafna entużjażmu. Awgura l-ħidma t-tajba lil dan is-seba‘ Kunsill kif ħadem tajjeb il-Kunsill preċedenti. Is-Sindku tenna li l-uffiċċju tal-Kunsill huwa żgħir għas-servizzi li jixtieq joffri u jittama li l-proġett tal-uffiċċju l-ġdid, *community hall* u r-rikostruzzjoni mill-gdid tal-Ġnien Karin Grech ikompli kif kien ippjanat għall-ġid tal-lokalità.

## 3 Ħatra tal-Viċi Sindku

3.1 Is-Sindku staqsa lis-Sinjura Marica Bayliss, bhala Kunsillier li ġabet it-tieni l-ogħla ghadd ta' voti kif insemmi f'minuti 2.1, jekk taċċettax il-kariga ta' Viċi Sindku ta' San Ġwann.

3.2 Is-Sinjura Marica Bayliss iddikjarat li hija qed taċċetta din il-kariga ta’ Viċi Sindku, u ffirmat d-dokumenti tal-aċċettazzjoni.

## 4 Assenjazzjoni tar-responsabbiltajiet lill-Kunsilliera

4.1 Is-Sindku qassam lista lill-kunsilliera bir-responsabbiltajiet tagħhom. Din tikkonsisti kif ġej:-

Marica Bayliss – Anzjani, Nies bi bżonnijiet speċjali, ħarġiet soċjo kulturali, għaqdiet u attivitajiet
Rita Saliba – Dawl pubbliku
Malcolm Abdilla – Websajt, EU Funding u Trasport
Dominic Cassar – Infrastruttura, Manutenzjoni u Ġonna pubbliċi.
Joan Farrugia – Edukazzjoni, Kultura, Heritage u Komunità Kummerċjali
Mikhail Micallef konġunt ma’ Trevor Fenech – Żgħażagħ u Sport
Neville Mallia – Tabelli, Sinjali tat-toroq u Indafa pubblika.

Il-Bord Editorjali tal-fuljett tal-Kunsill, Il-Ħuġġieġa, ser ikun magħmul minn Mikhail Micallef bħala Editur, u bħala membri ser ikun hemm Marica Bayliss, Joan Farrugia, Dominic Cassar u Malcolm Abdilla.

Is-Sur Dominic Cassar ser ikun is-sostitut tas-Sindku fir-Reġjun.

## 5 Għeluq il-Laqgħa

Il-laqgħa spiċċat fis-6.30pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tnejn, 22 ta’ April 2013 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Kurt Guillaumier**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | **Etienne Bonello Du Puis**<br>**Sindku** |